# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 17 ta' April, 2000**

**Numru: 4**

**Citazzjoni Numru: 1454/92 JF**

**L-avukat Carmelo Mifsud Bonnici ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Capt. A. Caruana Limited.**
**-vs-**
**Simon Grima**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta' attrici bieghet u kkonsenjat lill-konvenut diversi konsenji ta' merkanzija.

U premess illi l-konvenut ghad fadallu jhallas il-bilanc ta' elf u tlett liri (Lm1003).

U premess illi meta dan gie debitament interpellat dan baqa' ma hallasx u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

U premess illi dan id-dejn huwa cert likwidu u skadut u d-debitur ma ghandux difiza xi jressaq.

Talab li l-konvenut:

1. Jigi kkundannat minn din il-Qorti jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u tlett liri (Lm1003) bilanc ta' bejgh u konsenja ta' merkanzija.

Bl-ispejjez inkluzi l-imghaxijiet legali mill-20 ta' Ottubru 1990 u dawk tal-ittra ufficjali ta' 12 ta' Awissu 1991.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa :

1. Illi huwa personalment ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici.

2. Illi fir-relazzjonijiet tieghu mas-socjeta' attrici huwa dejjem agixxa bhala mpjegat tal-kumpanija Tourist Catering Services Ltd. fil-Victoria Pub, tant li l-merkanzija lanqas ma kienet dejjem tigi ordnata minnu.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra jekk u meta jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom, flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat li mill-provi jirrizulta li s-socjeta' attrici forniet kwantita' ta' xorb u merkanzija ancillari lil Victoria Pub Medisle Village f'Saint Adrews. Il-konvenut mhux jikkontesta il-fornituri ghalkemm f'waqt minnhom jghid ukoll li lanqas kellu l-opportunita' li jikkontrolla l-fatturi mibghuta, izda qed jeccepixxi li hu agixxa biss qua impjegat mas-socjeta' Tourist Catering Services Ltd. Ghandu jinghad pero' li, oltre li l-konvenut kien ko-direttur ta' din is-socjeta' msemmija minnu, kien ukoll "manager". Min-naha l-ohra, is-socjeta' attrici tghid u qeghda tallega li l-ordnijiet inhargu u ntbaghtu lil u fuq isem Simon Grima proprio u dwar dan qatt ma kien hemm xi "query" jew xi lment da parti tal-konvenut. Jirrizulta li ex admissis parti mill-merkanzija zgur li giet ordnata mill-konvenut. Tant hu hekk li fl-eccezzjonijiet tieghu huwa jelabora (ara l-paragrafu, a fol. 12 tal-process) li,

*"........ l-merkanzija lanqas ma kienet dejjem tigi ordnata minnu."*

Illi l-konvenut naqas milli jipprova dak li eccepixxa, igifieri li l-ordnijiet kollha saru f'isem is-socjeta' imsemmija minnu. Min-naha l-ohra, is-socjeta' attrici ppruvat sufficjentement, ta' lanqas fuq bazi ta' probabilita', li l-ordnijiet tassew saru mill-konvenut proprio. Ma kien hemm xejn xi jzomm lill-konvenut milli jitlob li tissejjah fil-kawza s-socjeta' Tourist Catering Services Limited, jekk kien tabilhaqq minnu li l-ordnijiet u hlasijiet se mai saru u kienu dovuti minna u mhux minnu personalment. Il-konvenut qatt ma offra spjegazzjoni l-ghala qatt ma pprotesta l-hrug tal-fatturi f'ismu u li minnhom jirrizulta li fis-sena 1990, u qabel, saru hlasijiet akkont - hekk ara Dok. CBM 1 sa CBM 11, a fol. 41 - 51 tal-process. L-allegazzjoni tal-

konvenut ghalhekk baqghet biss allegazzjoni mhux ippruvata u mhux sostnuta; kif del resto lanqas biss saret il-prova li tali socjeta' tassew tezisti u kienet jew dahlet responsabbli mill-gestjoni tal-imsemmi bottegin.

Illi dwar il-"quantum" tirrizulta diskrepanza bejn dak mitlub mill-attur nomine u bejn dak li xehed Gordon Caruana li kien l-"accounts" u "credit controller" tas-socjeta' attrici. L-attur nomine talab Lm1,003.04 bhala ammont dovut mentri fil-fatt huma dovuti biss Lm922.25c (disa' mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu).

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici fil-meritu limitatament pero' ghas-somma ta' Lm922.25c u tikkundanna ghalhekk lill-konvenut li jhallas dana l-ammont flimkien mal-kap tal-ispejjez.

Illi kwantu ghall-interessi mitluba, il-Qorti qeghda tiddeciedi li tenut kont tal-fatt li din il-kawza tkarkret hafna principalment tort tan-negligenza tal-attur nomine, li dawna l-imghaxijiet jibdew jitqiesu u jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza sal-hlas effettiv u mhux kif mitlub fl-att tac-citazzjoni.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md